MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 125/2008

Lombard Bank Malta plc.

Vs

Xavier sive Saviour Micallef.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Lombard Bank Malta plc, li permezz tiegħu wara illi ppremetta illi :

1. Illi l-Bank rikorrenti permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech li jġib d-data tat-tnejn (2) ta' Awissu, tas-sena elfejn u sebgħa (2007) li kopja legali tiegħu hija hawn annessa u mmarkata Dok "A" ikkonċeda lill-intimat Xavier sive Saviour Micallef faċilita' ta' self u in forza ta' din il-faċilita' l-imsemmi intimat ssellef flus mingħand il-Bank rikorrenti u għandu debitu bilanċjali favur l-istess Bank rikorren ti ta' għoxrin elf tlett mija tmienja u sittin punt sitta disgħa Euro (€20,368.69) skond

"statement" hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkolati sat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008), oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008) sad-data tal-pagament effettiv.

2. Illi l-intimat naqas milli jagħmel il-pagamenti akkont skond kif pattwit;

3. Illi għalkemm interpellat sabiex iħallas dan id-debitu anke uffiċjalment, l-intimat baqa' inadempjenti.

Talab lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tikkundanna lill-intimat iħallas lil Bank rikorrenti s-somma ta' għoxrin elf tlett mija tmienja u sittin punt sitta disgħa euro (€20,368.69) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkolati sat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008) oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kollha inkluż il-Vat fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra uffiċjali li ġġib id-data tat-18 ta' Jannar 2008 u bl-imgħaxijiet legali mit-13 ta' Marzu 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors ġuramentat;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, illi permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma totalment infundati fid-dritt u fil-fatt u dana stante illi l-istess self huwa self li ttieħed għal żmien erba' (4) snin u jirriżulta illi għadhom għaddew biss sena u nofs minn żmien il-kuntratt;

2. Illi in oltre, l-ammont pretiż huwa wieħed esaġerat;

3. Illi in oltre, r-rata ta' imgħax addottata hija waħda eċċessiva;p

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Innutat illi fl-udjenza tal-ħmistax (15) ta' Jannar, 2010 ġew ippreżentati kapitoli għas-subizzjoni fil-konfront tal-konvenut peress li dan naqas illi jattendi għal dik is-seduta.

Innutat ukoll illi l-istess konvenut naqas illi jattendi għall-udjenza tal-lum ukoll, u għalhekk infetħu l-kapitoli, li ġew dikjarati ammessi.

2. Il-Qorti għal hekk u in vista ta' din l-ammissjoni, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talba attriċi, u tikkundanna lill-intimat iħallas lil Bank rikorrenti s-somma ta' għoxrin elf tlett mija tmienja u sittin punt sitta disgħa euro (€20,368.69) skond "statement" anness ma' l-istess rikors bħala Dokument "B" bl-interessi kkalkolati sat-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008) oltre l-imgħaxijiet ulterjuri mit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008) sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inklużi dawk tal-Vat fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra uffiċjali li ġġib id-data tat-18 ta' Jannar 2008 u bl-imgħaxijiet legali mit-13 ta' Marzu 2008 sad-data tal-pagament effettiv kollox kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------